# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 8 TA' NOVEMBRU, 2000.

**Kawza Nru. 6.**
**Citazz. Nru. 1617/00 JRM.**

**John u Catherine konjugi Grech.**

**vs**

**Carmel u Lara Marie konjugi Filletti.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li biha l-atturi wara li ppremettew:

Illi l-konvenuti huma debituri tal-atturi fis-somma ta' Lm2,500 oltre l-imghax legali mil-20 ta' Dicembru 1999 rapprezentanti bilanc ta' merkanzija lilkom mibjughha u kkonsenjata;

Illi l-atturi gew moghtija cekk mill-konvenuti li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A. liema cekk ma ssaraffx u gie 'referred to drawer';

Illi l-atturi interpellaw lill-konvenuti biex ihallsu s-somma bilancjali ta' Lm2,500 (elfejn u hames mitt liri Maltin) oltre l-imghax legali, pero' baqghu inadempjenti;

Ghalhekk l-atturi, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neccessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi talbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' Lm2,500 (elfejn u hames mitt liri Maltin) oltre l-imghax legali mill-20 ta' Dicembru 1999 bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilkom mibjughha u kkonsenjata;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tas-26 ta' Lulju 2000 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet l-Avukat ta' l-atturi;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talba ta' l-atturi** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' Lm2,500 (elfejn u hames mitt liri Maltin) bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilhom mibjughha u kkonsenjata u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali tas-26 ta' Lulju, 2000 u bl-imghaxijiet legali fuq l-imsemmija s-somma li ghandhom jibdew

jghaddu b’effett mill-20 ta’ Dicembru,1999, sal-jum tal-hlas effettiv; kontra l-konvenuti.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**8, ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**8, ta' Novembru, 2000.**